# XINHI L-ISTORJA?

Ta' A. VELLA, O.P.

IL-KELMA storja ġejja mill-Grieg *Historia*, li tfisser għerf miksub bit-tfittix.

L-istorja hija dik l-arti li żżomm tifkira tal-ħajja tal-bniedem jew tal-għaqdiet bejn il-bnedmin, kif ukoll tat-tibdil li dawn ġarrbu matul iż-żminijiet, tal-prinċipji li bihom ġew determinati l-azjonijiet tagħhom, u tal-kondizjonijiet ġeografiċi jew fiżiċi, bħall-klima, li għenuhom jew fix-kluhom fil-mixja tagħhom 'il quddiem fil-medda taż-żminijiet.

Għalhekk is-suġġett ta' l-istorja huma r-*Res gestae*, għemil il-bniedem.

Il-għan ta' l-ewwel kittieba ta' l-istorja kien li jżommu ħajja t-tifkira tal-għemil erojku ta' dawk il-bnedmin li fil-gwerer kisbu rebħiet b'riżq in-nazzjon. Għalihom l-istorja ma kinetx ħlief il-glorifikazjoni kemm ta' l-eroj u kemm tan-nazjon. Hwejjeġ oħrajn, bħal kif kienu jgħixu u jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum, jew x'għamla ta' gvern kellhom, ftit u xejn igħidu-homlna.

Din ix-xejra fil-kitba ta' l-istorja tkompliet sa żmien il-Kroċjati u saż-żmien kavalleresk (sekli XI-XII), meta nsibu mniżżla bl-irqaqat kollha d-dwelli — ġlied bl-armi bejn tnejn min-nies — quddiem żewġ parrinijiet biex jinqata' darba għal dejjem xi tilwim bejn il-ġellieda, laqgħat sportivi, ġrajjiet kbar militari, u ħwejjeġ bħal dawn. U billi fiż-Żminijiet tan-Nofs in-nies kienu reliġjużi ħafna, fil-kitba ta' dak iż-żmien l-element sopra-naturali jidher sewwa, għax fir-rebħiet u l-ġrajjiet kbar dejjem tissemma l-Providenza t'Alla — u bosta drabi jissemmew ukoll il-mirakli.

Element ieħor fil-kitba ta' l-istorja, li bih ir-rumanzieri nqdew bħala sfond biex fuqu jibnu l-aneddoti bijografiċi tagħhom, kien id-deskrizjoni tal-ħajja tas-slaten u tal-kortiġjani tagħhom, it-taħwid tan-nobbli u l-iskandli ta' min kien jaqdihom, u t-torturi li kienu jingħataw lill-ħatja u lill-irsiera.

Id-diplomazija, dik is-sengħa li ġġib ftehim bejn in-nazjonijiet jew tmexxih 'il quddiem, bdiet issir ukoll suġġett importanti fil-kitba ta' l-istorja — ħaġa li nistgħu ngħiduha wkoll għal żminijietna.

Minn xi mitejn sena 'l hawn l-istorja ħadet xejra wisq aktar interessanti. Għorrief kbar bdew isemmu leħenhom kontra kull għamla ta' storjografija. Riedu li fl-istorja jitfakkru mhux l-iskandli, il-kontrabandi, it-taħwid u d-drawwiet ħżiena tan-nies, iżda l-virtujiet u l-għamil tajjeb tagħhom, u s-sehem kollu li taw b'risq il-bnedmin, il-kultura, il-għerf, il-puli-

tika, l-arti u l-letteratura. Riedu illi l-ġrajjiet inħarsu lejhom bl-istess kriterju li kellhom in-nies li għaddew minnhom, u ma nkabbruhomx iżżejjed, iżda nagħirfu ngħarblu dak li hu veru minn dak li mhuwiex. Riedu wkoll illi ssir firda bejn dak li hu naturali u dak li hu sopranaturali, jiġifieri l-ġrajjiet l-imgħoddija nfissruhom bir-raġuni, u mhux ta' kull darba ndaħħlu l-misteru u l-mirakli.

Hekk qiegħda tinkiteb u tiġi studjata l-istorja llum. Le, l-istorja mhix taħlita ta' ġrajjiet u ħrejjef, imma hija arti l-iżjed serja, li mingħajrha ebda ċittadin ma jista' jimxi 'l quddiem fil-kultura.

L-istorja mhix ħaġa ħafifa kif jaħsbu ħafna. Jitqarrqu dawk l-istudenti li jagħżlu lilha minn suġġetti oħra li jidhrulhom itqal. Jekk l-istudent ma jħaddimx moħħu biex iqiegħed il-ġrajjiet fil-prospettiva sewwa tagħhom, jiġifieri kif dehru tabilħaqq u f'posthom; jekk huwa ma jintrefax 'il fuq mill-bluha tat-tfal u ma jwarrabx l-impressjonanti u s-sensazjonali biex jagħżel dak li tabilħaqq ġieb tibdil fis-soċjetà; jekk ma jżommx qies xieraq bejn l-astratt u l-konkret fil-ġrajjiet; allura l-istorja tisfa ħaġa bla togħma, li mhux biss ma jkunx jistħoqqilha tissejjaħ xjenza kif iridu xi wħud, imma anqas arti.

It-toqol ta' l-istorja jinsab filli wieħed irid igħarbel tajjeb l-imgħoddi – u l-preżent ukoll – li huma miżgħudin bil-qerq. Infatti l-istorja hi minn qaddisha aktarx meqjusa b'miżien ħażin. Il-kotra l-kbira ta' dawk li jfakkru l-ġrajjiet donnhom aktar jinqalgħu biex iniżżlu li hu eċċezzjonali, impressjonanti u sensazjonali, u ftit iħabblu moħħhom biex idaħħlu fil-kitba tagħhom dak li hu normali, li hu proprju s-suġġett ta' l-istorja. Dan aktarx isir għax in-nies tiddejjaq taqra u tikteb fuq ħwejjeġ li wieħed jiltaqa' magħhom kuljum, filwaqt li kulħadd jinteressa ruħu minn dak li hu aktar sensazjonali. Hekk jiġri fil-gazzetti ta' kuljum, li huma r-*records* ta' l-istorja ta' żmienna. Naqraw, ngħidu aħna, li dar qabdet, li ajruplan waqa' b'mija w ħdax-il ruħ fuqu, li karrozza tfarrket, li xi flus insterqu minn Bank; imma kemm eluf u eluf ta' djar li ma qabdux, ta' ajruplani li ma waqgħux, ta' karrozzi li ma ħabtux, ta' liri li ma nsterqux, dan ħadd ma jgħidu. Mela l-ġrajjiet li komunement naqraw fuqhom mhumiex il-ħajja normali, iżda l-eċċezjonali, u l-eċċezjonali ma jagħmel qatt il-vera storja. Għalhekk l-istorja għandha tkun tifkira *record* ta' għemil il-bniedem, talħidma u l-invenzjonijiet magħmula minnu, tal-prinċipji li bihom ġew determinati l-azjonijiet tiegħu, tas-sura ta' gvern li kellu – monarkiku, repubblikan, demokratiku, dittatorjali, tal-progress li kiseb matul iż-żminijiet, u tar-relazjonijiet bejn il-ġnus.

Iżda hawn nifthu għajnejna biex ma nħalltux l-istorja mas-soċjoloġija, mal-filosofija u mal-poeżija.

L-istorja ma turiniex kif inħollu l-problemi ta' żminijietna: dan xogħol is-soċjologu, li jistudja l-ekonomija tal-pajjiż; jagħmel statistiċi, u jiġbed konklużjonijiet mill-liġijiet li jmexxu r-relazjonijiet bejn il-għaqdiet tan-nies.

Il-filosofu wkoll jistudja l-liġijiet ġenerali; iżda mbagħad dmiru hu li jagħti tifsira raġunevoli tal-ħwejjeġ, għax għalih l-imgħoddi mhuwiex ħannieqa ta' ġrajjiet maħlulin minn kull irbit tal-ħajja, iżda huwa mera li fih jilmaħ x'kien li ġagħal lin-nies jaħsbu mod u mhux ieħor u jiffurmaw sistemi ta' tagħlim tajba jew ħżiena.

Il-poeta jew ir-rumanzier, għad li huwa wkoll isemmi fatti storiċi, il-għan ewlieni tiegħu mhuwiex li jniżżel il-ġrajjiet xotti xotti u jfissirhom, iżda li jagħti gost lill-qarrejja tiegħu; u għalhekk idaħħal ħafna l-element tal-fantasija u ta' l-immaġinazjoni fid-deskrizjonijiet tiegħu.

X'tagħmel mela l-istorja u x'tgħallimhom lill-bnedmin?

L-ewwelnett l-istoriku jrid ifittex id-dokumenti: manuskritti li nkitbu fiż-żmien stess li fih saru l-ġrajjiet, kronaka, annali, bijografiji, *memoirs,* djarji, ġenealoġiji, rapporti diplomatiċi, kitbiet fuq monumenti, eċċ.; fejn jista', għandu wkoll jieħu tagħrif dwar il-ġrajjiet minn għand in-nies li rawhom isiru b'għajnejhom. Barra minn dan, l-istoriku jrid ukoll iżomm quddiemu t-tradizzjonijiet mhux miktuba li waslulna minn fomm għal fomm, minn nisel għal ieħor, aneddoti, *folklore,* u ħwejjeġ oħra li b'xi mod igħinuh jagħmel kwadru kemm jista' jkun ġenwin ta' l-imgħoddi.

Wara li jkollu f'idejh dan il-materjal kollu, irid jistudjah, u, biex jifhmu, jenħtieġlu qabel kollox jistħajjel lilu nnifsu jgħix fiż-żmien li saru l-ġrajjiet. Huwa m'għandux ifissirhom skond iċ-ċirkustanzi ta' żmienu, u anqas jagħmel paraguni bejn l-imgħoddi u llum, biex jeħodha kontra n-nies ta' dari għax ma kinux jaħsbuha bħalna. Min jagħmel hekk ikun jitqarraq u jqarraq, u l-istorja tikkundannah bħalma tikkundanna s-sistema hekk imsejħa *Whig interpretation of history.* Bid-dokumenti f'idejh, l-istoriku għandu jgħarbel jekk dawn ikunux uffiċjali jew privati, awtentiċi, dubbjużi jew foloz; jara jekk kinux ġew miktuba taħt xi pressjoni, bħalma ġie li jiġri f'dokumenti ta' l-istat fi żmien ta' gwerra; u jfittex il-għejun li minn-hom il-kittieb ikun kiseb it-tagħrif biex ħalla dawk id-dokumenti.

Minn dan jidher ċar, mela, illi l-kitba ta' l-istorja hija bħal att reliġjuż, tenħtieġ illi l-moħħ ikun safi minn kull preġudizzju, u li l-qalb tkun ħielsa minn kull simpatija jew antipatija lejn persuna jew għaqda ta' nies jew ġens; fi kliem ieħor, il-kittieb irid ikun imparzjali u għandu jibni l-imgħoddi bil-għerf u bil-għaqal ħalli jagħti lill-qarrejja kwadru ċar kemm jista' jkun biex igħallem is-sewwa u xejn ħlief is-sewwa.

Għalhekk hija tqila l-istorja, għax ix-xogħol tagħha jixbah lil dak ta'

l-imħallef li jrid jiġġudika l-imgħoddi biex jagħti l-verdett lill-akkużat u jaqtagħlu s-sentenza li tkun tistħoqqlu u tixraqlu skond il-ħaqq, ta' kundanna jekk ħati, ta' ħelsien jekk le.

L-istorja anqas ma għandha tinkiteb bi spirtu partiġjan ta' nazjonaliżmu żejjed li jġagħlek tara f'pajjiżek art aqwa f'kollox minn kull art oħra, u li fih ma ssib xejn x'tikkritika u x'tirranġa, filwaqt li tnissel mibegħda lejn artijiet u ġnus oħra.

Hekk ukoll l-istorja ma tistax tinkiteb bi spirtu partitarju li jpinġi bl-iswed il-gvernijiet ta' l-imgħoddi, inissel mibegħda bejn klassi u oħra, u jħeġġeġ għall-vjolenza bħala mezz għar-rebħa tal-partit. Għall-kuntrarju, l-istorjografu għandu jgħallem illi d-drittijiet kostituzjonali, l-emanċipazjoni ġenerali, is-servizzi soċjali mhumiex ħwejjeġ maħluqin f'daqqa qisu b'seħer minn bniedem, partit jew gvern wieħed, iżda huma frott ta' sigra li nżergħet mill-ġenerazjonijiet li għaddew, issaqqiet mill-ġenerazjonijiet ta' wara, sakemm waslet ġenerazjoni li setgħet taqta' u tistgħall il-frott tagħha. Irridu nkunu tassew suppervi u qalbna iebsa biex ma nagħirfux ix-xogħol li ħadu ta' qabilna u ma nibqgħux nafuhulhom. L-istorja tgħallem illi għemil il-bniedem jagħti l-frott tiegħu bil-mod, u hekk kull ġenerazjoni tqiegħed saff ta' ġebel fuq ieħor fil-bini ta' dan il-palazz, id-dinja li ħalaq Alla. U hekk l-istorja teqred kull ambizjoni personali u partiġjana, u tnissel it-tama, mhux il-biża', fil-ġejjieni. Hija tgħallimna, li biex aħna wsalna fejn wasalna llum, missirijietna kellhom iħabbtu wiċċhom aktar minna ma' xkiel u twegħir aqwa minn tagħna, u għalhekk iġġagħalna mhux immaqdruhom u nisħtuhom, imma nibqgħu nafuhulhom u nistqarru b'qima illi l-ġid li ġiena fi żmienna nafuh lilhom b'xi mod.

Jalla dawk li jiktbu l-istorja jagħirfu r-responsabiltà tagħhom quddiem Alla u quddiem is-soċjetà u jżommu dejjem quddiem għajnejhom illi l-kitba ta' l-istorja huwa att qaddis, għax meta jiġu biex jiġġudikaw l-imgħoddi jenħtieġ li ma jkollhomx għan ieħor ħlief dak li jgħallmu lill-bnedmin ta' llum kif għandhom igħixu, u x'għandhom jagħmlu meta jsibu ruħhom fl-istess baħar li minnu għaddew missirijietna, ħalli b'hekk jiksbu riżq, ġid u hena għalihom u għal uliedhom.